# Benefatturi tal-knisja tagħna (2)



Qedgħin fiż-żmien ta' ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-Madonna ta' Rużarju ta' Pompei, u għalhekk huwa xieraq li nkomplu niftakru f'dawk in-nies ta' qalb tajba li bl-għajnuna kbira tagħhom, il-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk kompliet dejjem tiġi mkabbra u msebbħa sabiex saret dan it-tempju sabiħ kif qed narawh illum.

***Manuel Buhagiar (min Ħal Tarxien)***

Fis-sena 1929 ħadem il-bradella u l-bankun għall-istatwa tal-Madonna ta' Pompei. Dan ix-xogħol kien qam is-somma ta' Lm90 u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed isir imprezzabli.

***Ġużeppi Mifsud u sħabu bennejja (miż-Żejtun)***

Fis-sena 1930 kienu waslu fl-aħħar parti tal-bini tal-korsija, flimkien mal-bini tal-faċċata tal-knisja. Huma kienu bdew jibnu wkoll wieħed miż-żewġ kampnari. Dawn ħattew ukoll il-ħajt li kien jifred il-knisja ż-żgħira mill-korsija u b'hekk saret il-knisja mkabbra kif narawha llum.

***L-aħwa Cumbo (minn Marsaxlokk)***

Fis-sena 1933 l-aħwa Salvu, Ġużeppi, Ġammari u Anġlu Cumbo ġew inkarigati u bnew b'suċċess iż-żewġ kampnari.

***Joseph Suban (mill-Birgu)***

Fis-sena 1936 installa l-arloġġ fuq il-faċċata tal-knisja. Maż-żmien, dan l-arloġġ sarulu xi arranġamenti u manteniment minn Gordon Roberts u oħrajn. Dan l-arloġġ għadu jaħdem regolari sal-ġurnata tal-lum.

***Dun Karm Grech***

Dan il-qassis qaddes għall-ewwel darba fl-4 t'April 1937. Huwa ħadem kemm seta' fil-parroċċa sakemm fis-sena 1940 mar f'Ħaż Żebbuġ.

***Donazzjonijiet lill-knisja***

Il-familja Tabone miż-Żejtun irregalat lill-knisja il-kwasru ta' Santa Katerina ta' Lixandra, xogħol il-pittur Lazzru Pisani. Onorato Gerada, miż-Żejtun ukoll, kien irregala lill-knisja l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li hu xogħol tal-pittur Ramiro Calì. Ġorġina Mifsud miż-Żejtun kienet irregalat ukoll lill-knisja, il-kwadru ta' Santa Tereża, xogħol tagħha stess. Min-naħa tiegħu, il-pittur imsemmi Ramiro Calì pitter ukoll il-kwadri tas-Salvatur u dak tal-Qalb ta' Ġesù ma' Santa Margerita. Il-pittur J.M. Bonnici imbagħad pitter l-kwadru ta' Sant'Andrija.

*ikompli f'paġna 78 ...*

... ikompli minn paġna 77

### Dun Ġużepp Caruana

Qaddes għall-ewwel darba fl-14 ta' Ġunju 1942. Dan is-saċerdot kien ta' għajnuna kbira għall-knisja tagħna. Biżżejjed ngħidu li għamilha ta' viċi-kappillan ma' sitt kappillani differenti f'Marsaxlokk. Ħadem ħafna fir-raħal tagħna. Kien ukoll surmast ta' l-orkestra u organista prim. Serva wkoll bħala kappillan u għalliem fil-Ħabs Ċivili.

### Ġużeppi Stagno

Fis-sena 1945 ġabar miegħu għadd ta' rġiel, żgħażagħ u tfal, u bihom ifforma s-Saint Andrews Sea Scouts Group. Dan il-grupp kien ta' għajnuna kbira għall-knisja għaliex peress li f'dak iż-żmien ma kienx hawn għaqdiet oħra, il-membri ta' dan il-grupp kienu jgħinu f'dak kollu li kien hemm bżonn. Kien dan il-grupp li fis-sena 1946 introduċa l-puċissjoni bl-istatwa tad-Duluri kif ukoll il-quddiesa tal-Milied f'nofs il-lejl.

### Il-kumpannija teatrali 'Erkole'

Iffurmata miż-żgħażagħ Xlukkajri, fosthom (illum mejtin) Ġużeppi Stagno, Lorenzo Bonnici, Ġużeppi Schiavone, Spiru Cassar, Karmenu Abela, F.X. Vella, Ros. Grech, Ġ. Spiteri, u J. Borg; din il-kumpannija ħadmet sabiex bil-qliegħ tagħha tinbena l-koppla tal-knisja.

### Ġużè Lia u Rożu Abela

Ta' l-ewwel il-perit, tat-tieni l-bennej, daħlu għal biċċa xogħol delikata li jibnu l-koppla tal-knisja. Il-problema kienet jekk l-erba' pilastri jifilħux dan il-piż. Huma solvew din il-problema billi dawn ġew imsaħħin permezz ta' konkoss ri-infurzat u fuqhom tpoġġa *frame* ta' travi ta' l-azzar. U b'hekk il-koppla nbniet fuq bażi soda. Dan ix-xogħol inbeda fis-sena 1947 u kien lest fis-sena 1948. Snin qabel, l-istess perit kien inkarigat mill-bini tal-faċċata tal-knisja filwaqt li l-istess bennej kien inkarigat ukoll sabiex il-kappelluni jagħmilhom f'forma ta' arzella.

### Il-pittur Toussaint Busuttil (miż-Żejtun)

Kien dan il-pittur Żejtuni li żejjen il-koppla minn ġewwa, flimkien ma' l-erba' lunetti b'pittura mill-isbaħ. Kien hemm imbagħad għadd ta' benefatturi li ħalsu sabiex jinħadmu it-tmien twieqi tal-koppla li meta saru fl-1948 kienu jiswew biss Lm5-il waħda.

### Il-monsinjur

Fis-sena 1952, il-kappillan Gatt kien jidher li kiber fl-età u għalhekk ma kinitx sorpriża meta Mons. Arċisqof Gonzi innominaħ Monsinjur tal-Katidral. Spiċċa minn kappillan tal-parroċċa tagħna fis-7 ta' Frar 1953. Għal 27 sena sħaħ, Mons. Gatt ħadem fost is-sajjieda ta' Marsaxlokk fost il-faqar, niket u ferħ.

### Dun Pantaleon Orland (miż-Żejtun)

Dun Pantaleon Orland ħa l-pussess tal-paroċċa ta' Marsaxlokk fit-13 ta' Lulju 1953 bħala l-ħames kappillan ta' din il-parroċċa. Mill-ewwel intefa' għax-xogħol u

ikompli f'paġna 79 ...

*... ikompli minn paġna 78*
żebaħ il-knisja, ġab orgni ġdid, ħallas id-dejn li kellha l-knisja, għamel il-kuntratt ta' l-art tal-knisja u bena l-imħażen għall-armar tal-festa.

### *Il-kappillani li ġew wara*

Dun Lawrenz Mifsud beda fis-6 ta' Mejju 1963 u kien hu li ntroduċa l-pellegrinaġġ nazzjonali tat-8 ta' Mejju. Dun Alfred Xuereb beda fis-27 ta' Settembru 1964 u kien hu li fi żmienu ġiet ikkonsagrata l-knisja eżattament nhar il-Ħadd, 17 ta' Settembru 1967 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Dun Tarċisju Delicata beda fl-1 ta' Marzu 1970 u fost diversi xogħolijiet li wettaq bena s-Sala Pompei (parrokkjali).

Dun Mario Tong beda fil-21 t'Awissu 1981 u fost ix-xogħolijiet li wettaq sebaħ il-koppla minn barra u għamel mant ġdid tal-vara għall-jiem tal-festa. Dun Ġużepp Mifsud beda fit-12 ta' Mejju 1990 u fost ix-xogħolijiet li wettaq hu bidel is-soqfa taż-żewġ sagristiji, it-twieqi tal-koppla, għamel il-lampier il-ġdid tal-festa u sistema ta' dawl ġdida.

Il-ħdax-il kappillan (dak preżenti) Dun Eric Overend beda fid-19 ta' Marzu 1998. Dan il-kappillan għamel diversi xogħolijiet f'dawn l-erba' snin li għaddew fosthom il-proġett ta' l-artal maġġur, il-manutenzjoni tal-koppla u s-soqfa minn barra u reċentement l-bidu tal-proġett taż-żebgħa tal-knisja.

Dawn il-kappillani kollha ħadmu u rsistew sabiex isebbħu l-knisja tagħna, dejjem skond il-mezzi li kellhom. Fost oħrajn huma taw ħajja ġdida lill-festa titulari, waqqfu wkoll diversi għaqdiet, u ħadu ħsieb il-manteniment tal-knisja minn żmien għal ieħor. Ankè meta l-parroċċa għalqet l-ewwel mitt sena saru festi li baqgħu ifakkru dan l-ewwel ċentinarju.

### *Għajnuna oħra*

Irridu infakkru wkoll ix-xogħol kontinwu li jagħmlu fil-parroċċa l-Mons. Carmelo Zammit u Dun Manwel Caruana, l-għajnuna tal-patrijiet Tereżjani ta' Tas-Silġ kif ukoll l-għajnuna tas-sorijiet tad-Domus Mariæ. Irridu nfakkru wkoll l-għajnuna li jagħtu dawk kollha li jarmaw fil-knisja u fuq barra, dawk li jgħinu fil-ħidma tal-parroċċa, fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, dawk li jieħdu ħsieb il-kant u d-daqq ta' l-orgni, dawk inkarigati mill-ġbir u l-ħasil tal-knisja u kif ukoll dawk kollha li jgħallmu d-duttrina lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna.

### *Is-sajjieda*

Ma xtaqx li nħalli lil xi ħadd barra u għalhekk li ma semmejtx ħafna ismijiet. Kull min ta l-għajnuna u għadu qed jagħti l-għajnuna lill-knisja u lill-parroċċa, huwa benefattur tagħha. U nispiċċa kif bdejt - fil-parroċċa ta' Marsaxlokk huma s-sajjieda bħala l-aqwa benefatturi tal-knisja tagħna. Bil-għajnuna ta' l-għoti tat-terz huma dejjem kienu minn ta' quddiem biex ikabbru u jsebbħu lill-knisja tagħna.

Komplu hekk. Alla jgħinkom. ◈

*Joseph Grech*
Għalliem ta' l-istorja